TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

# ARBITRU

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Settembru, 2023**

**Talba Nru: CCT40/23/DS**

**Mario u Sarah Pirotta**

**Vs**

**Brand Imports**

## It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Marzu, 2023 fejn talbu illi s-soċjeta' intimata tieħu l-bieb tal-garaxx lura u tirrifondi l-ispejjeż kollha u tagħmel tajjeb għall-ħsarat li saru biex twaħħal dan il-bieb, bi ftehim mal-istess rikorrenti sabiex jilħqu jordnaw bieb ieħor li jitwaħħal meta jinqala' dak mertu ta' din il-kawża, stante illi ma kienx konformi ma dak illi ġew imwiegħda.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ la intavolat risposta pero' naqset mill-tibgħat rappreżentant tagħha biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri. Illi għaldaqstant dan it-Tribunal semgħa lill-atturi u peress illi dawn huma proċeduri sommarji, ikkonkluda illi s-soċjeta' intimata m'għandhiex interess tipproduċi provi u għaldaqstant għadda għas-sentenza.

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

## Ikkunsidra

Illi l-atturi riedu jibdlu l-bieb tal-garaxx tagħhom u fl-għażla tagħhom kienu ħadu in konsiderazzjoni illi Brand Imports kienu l-unika kumpanija li kienet qiegħda

tirriklama li l-pannelli tal-bieb tal-garaxx jkunu kollha ta' qies wieħed, xi ħaġa illi huma xtaqu.

Meta twaħħal il-bieb dan ma kienx il-każ. Il-qisien tal-pannelli kienu fil-fatt differenti. Kien hemm ukoll xi affarijiet oħra mhux kif miftiehma u l-atturi kienu lesti illi jaċċettaw il-bieb tal-garaxx kif kien jekk is-soċjeta' intimata tagħmel l-aġġustamenti fil-bieb pero' malli beda jgħaddi ż-żmien huma ġew infurmati li biex isir dan it-tibdil kellhom iħallsu għalieħ u huma m'aċċettawx peress illi ħassew illi din l-ispiża kellha tiġi sorretta mis-soċjeta' intimata biex tagħmel tajjeb għall-fatt illi l-pannelli ma kienux ta' l-istess qies kif miftiehem.

Ġaladarba dan il-ftehim ma ntlaħaqx l-atturi qiegħdin jitolbu r-rexiżżjoni tal-kuntratt, rifużjoni tal-ispejjez u l-għotja tal-bieb tal-garaxx lura lis-soċjeta' intimata.

Illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata għamlet risposta fejn saħqet illi mhux minnu li l-bibien kienu reklamati li jiġu b'qies wieħed; li l-bieb kien ser jitwaħħal fuq in-naħa ta' ġewwa u mhux ta' barra; illi ir-rikorrenti ħallsu tax-xogħol w'għaldaqstant aċċetta li x-xogħol sar sewwa u huwa lmenta li l-qisien mhux indaqs gimgħat wara; illi mhux minnu illi l-intimat kwota prezzijiet differenti, il-prezz dejjem kien fiss; illi l-fatti dedotti huma nfondati u mhux veritieri u li għaldaqstant it-Tribunal għandu jiċħad it-talbiet bl-ispejjeż.

Illi t-Tribunal primarjament jinnota kif in-nuqqas ta' rappreżentant tas-soċjeta' intimata biex tiddefendi l-pużizzjoni tagħha meta debitament infurmata bil-proċeduri odjerni, mingħajr avviż, huwa sinjal ta' diżrispett kemm lejn il-klijenti tagħha kif ukoll lejn dan it-Tribunal.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi dan it-Tribunal huwa konvint mis-segwenti fatti:

1. illi l-atturi kienu ġew imwiegħda bieb ta' garaxx bil-qisien tal-pannelli indaqs. Dan jidher mhux biss mir-riklam provdut mir-rikorrenti bhala Dok 1 iżda wkoll mill-email datata 23 ta' Ġunju, 2020 specifkament lir-rikorrenti illi tgħid fil-'Quote' "*equally divided panels to suit every garage door size, we don't cut the last panel, but all our panels would be equally divided, hidden special extension springs...(the only system in Malta)*";
2. Illi l-atturi fil-fatt ħallsu għall-dan il-bieb tal-garaxx skont l-invoice numru 030/2020 li nghatat lilhom wara l-istallazjoni għalkemm ma ngħatawx

irċevuta. Dan għaliex hija s-soċjeta' intimata stess tgħid illi l-ħlas sar w'għaldaqstant m'hemmx kontestazzjoni dwar dan;

3. Illi l-pannelli tal-bieb tal-garaxx installat m'humiex indaqs hekk kif jidher minn Dok 3 preżentat bħala evidenza liema dokument jinsab fl-atti;
4. Illi għalkemm is-soċjeta' intimata ssostni illi r-rikorrenti tħallsu tax-xogħol u għaldaqstant aċċettaw illi x-xogħol sar sewwa, hawnhekk ma hux qiegħed jiġi kkontestat primarjament ix-xogħol iżda l-mankanza ta' kwalita' pattwita tal-ħaġa venduta illi huma żewġ affarijiet differenti skont il-ġurisprudenza nostrana (Ara **Doris Giordimaina vs Oxford Mobili Ltd deciza 28 ta' Marzu, 2008 mill-Qorti tal-Appell**);
5. Illi fil-fatt hemm din il-mankanza ta' kwalita' illi kienet pattwita irrispettivament mill-fatt li sar il-ħlas, illi kif ġie spjegat sar mir-rikorrenti s-Sinjura Sarah Pirotta mingħajr ma saret spezzjoni dak il-ħin peress illi hija kienet qiegħda tieħu ħsieb tarbija ta' twelid, sitwazzjoni totalment ġustifikata fiċ-ċirkustanzi;
6. Illi mhux minnu illi dan il-punt tqajjem wara ħafna żmien, iżda r-rikorrenti għamlu dan immedjatament meta s-Sur Mario Pirotta ġie mix-xogħol u seta' jispezzjona l-bieb, xi ħaġa illi ma ġietx kontraddetta bi prova kuntrarja waqt il-proċeduri;
7. Illi punti oħra mqajjma mis-soċjeta' intimata mhux relevanti għall-mertu ta' din il-kawża;

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti provaw il-każ tagħhom suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħhhom għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-soċjeta' intimata a spejjez tagħha taqla' l-bieb tal-garaxx f'gurnata u ħin maqbula mar-rikorrenti sabiex ma jitħalliex il-bieb tal-garaxx miftuħ sakemm jitwaħħal ieħor floku u fil-proċess tara illi ma ssir l-ebda ħsara u tirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' elf tminn mija u tletin Ewro (€1,830) fi żmien ġimgħa mid-data meta din il-kawża tgħaddi in ġudikat;

Dan it-Tribunal jinnota illi ir-rikorrenti nħolqilhom inkonvenjent illi skont il-liġi jistgħu jingħataw danni morali għalieh pero' dan it-Tribunal iħoss illi ġaladarba dan il-bieb tal-garaxx twaħħal fl-2020 u sar użu minnu għal tlett snin dan għandu jittieħed ukoll in konsiderazzjoni fid-dawl illi dawn il-kawżi jridu jiġu deċiżi b'ekwita u b'ġustizzja sostantiva u għaldaqstant id-drittijiet taż-żewġ naħat għandhom jiġu paċuti.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**